**KUNSILL LOKALI NADUR**

## Minuti tas-Sitta u Erbgħin (46) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

**L-Erbgħa, 18 ta' April, 2018, fis-5:30p.m.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

### 45.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji f'dan ir-rigward.

### 45.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin (45) laqgħa tal-15 ta' Marzu, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

### 45.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

***Rivista Ħidmietna f'Isimkom*** – Din intbgħatet lil Kunsilliera. Is-Sindku nnota li l-iskrivan Peter Ray Said qed jgħin lis-Sindku f'din sabiex il'quddiem ikun aktar facli biex issir, u ser tibda titqassam bil-Posta.

***Komunikazzjoni mal-Arċipriet*** – Intbgħatet ittra skond kif ġie diskuss fil-laqgħa ta' qabel sabiex jiġi imfakkar lil Parroċċa l-ħidma tal-Kunsill fil-Festa. Intbgħatet ittra oħra sabiex nitolbu lil Parroċċa tirringrazzja u ssemmi lil Kunsill fejn hu mistħoqq.

***Audit 2017*** – Is-Sindku innota li dan issa jidher li lest wara ħafna talbiet għall-kjarifiki mill-Awditur. Is-Sindku u l-Accountant kienu preżenti u taw spjegazzjonijiet lil Awditur.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Visit Edukattiva ta' tfal mit-Turkija*** – Dawn ġejjin bejn l-1 u 5 ta' Mejju. Ser nilqawhom il-Kunsill fl-1 ta' Mejju fil-5.30pm u jiġi offrut snack, xi ftajjar mill-Mekren Bakery u lunch ħafif meta ikunu l-iskola. Kien hemm qbil fuq dan.

***Lapida Baveno*** – Din tranġat minn Joe Paul Vella bil-kisi minflok li inbidel il-ġebel.

***Gozo Half Marathon*** – Din il-marathon ser tgħaddi minn Nadur u ser jagħmlu xi mużika fil-Pjazza.

***Karnival 2018*** – Is-Sindku tkellem ma' Paul Muscat artist Naduri u lest li jagħmel id-disinn tas-sena li ġejja għal 300 ewro. Kien hemm qbil dwar dan.

***Programm Life+*** - Inġabret informazzjoni dwar x'vetturi jista' jkollna bżonn għal ħidma tagħna u aħna innutajna vettura għal ġarr u għodda, u anke li bħala post għal re-charging station ikun ħdejn skola primarja. Dawn minn Fondi Ewropej.

***Water Station Kunsill*** – Il-ħaddiema talbuna nikkunsidraw station tal-ilma fil-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarju ser iġib quotes u imexxi bl-irħas.

***Kwotazzjoni Latrina Daħlet Qorrot*** – Din ser tagħlaq daqt pero qeda bi prezz baxx. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jiddeċiedu jekk tingħatax direct order lil Familja Cardona li dejjem għamlu xogħol tajjeb, jew inkella noħorġu kwotazzjoni. Kien hemm qbil li tingħata b'direct order lil Familja Cardona.

***Belveder David Cocco Palmieri***- In vizta tal-kawzi pendenti illi hemm, Dr Josianne Cutajar staqsiet jekk hemmx inibizzjonijiet mill-Qorti milli eventwalment jigi nstallat il-*gym equipment* ippjanat pero nghatat ir-risposta illi mhemmx.

## 45.4. Korrispondenza.

(6143) - Cir AKL 2018/041- Sit Protezzjoni tad-Data

(6144) – Cir AKL 2018 / 040 – Linji Gwida għall-aġudikazzjoni ta' tenders – Is-Sindku spjega li dwar din qed naffaċjaw sitwazzjoni fejn kull tender qed jiswina mal-500 ewro aġġudikazzjoni. L-AKL qegħda tiddiskuti mad-DLG pero sa issa ma għandniex struzzjonijiet mid-DLG. Is-Segretarja qalet li peress li m'hemmx struzzjonijiet ċari tippreferi li jkun hemm il-bord preżenti sakemm tinħareġ direzzjoni mid-DLG. Kien hemm qbil fuq dan.

(6145) – Ittra mingħand Public Registry dwar Żwiġijiet Ċivili

(6146) – Ittra mingħand ARPA rigward laqgħa fuq Sotto-Miżura 4.3

(6147) – Ċirkulari Numru SPI 3/2018 – Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita- Din skema mid-DLG għal korsijiet fuq teknoloġija, apps, suġġetti moderni u teknoloġiċi u oħrajn. Kien hemm qbil li napplikaw fuq din l-iskema għal korsijiet ta' l-Anzjani relatati ma taghlim dwar internet u apps.

(6148) – Ittra mingħand Għaqda tan- Nar San Pietru u San Pawl rigward il-Festa

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6149) – Ittra mingħand id-Dipartment għal Gvern Lokali dwar 'Information Seminar in connection with the INTERREG EUROPE Programme – 4th Call'

(6150) – Ittra mingħand Audiology dwar National Hearing Screening Initiative fil-Kunsill.

(6151) – Avviż Numru 427 fil- Gazzetta tal- Gvern 19,975 tal-10.04.2018 dwar Popolazzjoni stmata għal kull Lokalita -1.1.2017

(6152) – Ittra rigward Urban Improvement Funds as at 31st January 2018 li huma ta' l-ammont €135,596.38

(6153) – Ittra mingħand Rural Development Programme 2014-2020 dwar Fondi awarded fuq il-Miżura 4.3 – Resurfacing of Rural Roads in Nadur

(6155) – Cir AKL 2018/038 dwar Informazzjoni fuq Latrini Pubbliċi

(6156) – Cir AKL 2018/037 – Stedina – Seminar dwar ir-Regolamenti Godda ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data

(6157) – Email mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Trasnational Youth Initiatives

(6158) – Ittra mingħand TM dwar laqgħa fuq it-Tunnel bejn Malta u Għawdex. - Is-Segretarja attendiet din il-laqgħa u pprovdiet update. It-Tunnel ser jisbokka n-Nadur taħt it-trakka tal-muturi fl-area tax-Xħajma (Rabat Road) u f'Malta l-area tal-Manikata u Lambordin qrib il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar. L-Conceptual Design ser tkun lesta sas-sena 2018 u fis-sena 2019 ser jinħargu l-offerti tal-Kostruzzjoni.

(6159) – Email mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Talbiet tal-ħlas marbuta mal-liċenzji kummerċjali.

(6160) – Email mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapiża 2018

(6161) Cir AKL 2018/034 – Performing Rights Society – Kien hemm qbil li għal l-attivitajiet bħal Wirja Agrarja u Wine Festival dawn jiġu informati.

(6162) – Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Deputat Segretarju Eżekuttiv – in-Nadur

(6163) – Ittra mingħand id-Departiment għal-Kummerċ dwar Kompetizzjoni – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018

(6164) – Cir AKL 2018 / 035 – Seminar Fondi EU

(6165) – Ittra mingħand Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Stedina – Seminar dwar ir-Regolamenti Godda ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data

(6166) – Cir AKL 2018/036 – The Call for the 2018 IOPD Award

(6167) – E mail mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar 'Gozo Alive'

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6168) – Ittra mingħand l-Arcipriet Dun Jimmy Xerri dwar ringrazzjament u stedina ta' l-Għid.

(6169) – Cir AKL 2018/033 – Ringrazzjament għall-parteċipazzjoni tagħkom fil-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki 24/03/2018

(6170) – E mail mingħand OPM dwar Hosting of National flag on public buildings- Good Friday and Saturday

(6171) – Cir AKL 2018 /032 – Registrazzjoni għall- iskema WiFiEU

(6172) – Ittra mis-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar kolloborazzjoni fil-Kunċert Big Band Adventure.

(6173) – Cir AKL 2018/031 – Preżentazzjonijiet mill – entitajiet mistiedna waqt il-Laqgħa tas-Sindki u Vici Sindki 24/03/2018

(6174) -Ittra mingħand Gozo Cycling Club – rigward 2nd Road Race – Sunday 27th May 2018 għal no objection

(6175)-Cir AKL 2018/029 – Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali

(6176) – Cir AKL 2018/030 – Stedina mill-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta

(6167) Email mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar 'Gozo Alive'- iffirmajna kuntratt sabiex niftħu Torri Kenuna, Shelter u Mużew Marittimu fl-20 ta' Mejju. Ser nqabbdu lil Ivan u xi nies oħra joqogħdu mal-postijiet.

(6174) Ittra mingħand Gozo Cycling Club – rigward 2nd Road Race – Sunday 27th May 2018 għal no objection.

## 45.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku innota li l-iskeda tal-pagamenti numru 45 kienet għolja ħafna peress li tinkludi 27,000 euro ta' Triq Qortin, 9,000 euro ta' Sound Karnival, u 3,700 euro tal-Perit Grech, u 6,500 euro ta' Xmun Projects, Kontijiet ta' Accountant ta' 6 xhur, u numru ta' kontijiet tal-Karnival.

L-Iskeda tal-Pagamenti numru 46 tinkludi xahrejn kontijiet ta' Wasteserve, kont tal-canvas tal-Karnival, kull kont li kien fadal tal-Karnival, ammont sostanzjali ta' cold asphalt, pajpijiet tal-ground, u anke bankini ta' Diċembru 13.

Is-Sindku innota li nxtraw xtieli mingħand l-Għaqdiet li għamlu bejgħ u uzajnihom fil-ġonna u Kunsill, u anke figolli lill-anzjani mingħand Grech's Bakery. Il-Karnival bhala breakdown jidher li swiena mat-30,000 ewro u se ndaħħlu mal-21,000 ewro.

Is-Sindku imbagħad ipprovda update wkoll dwar is-sitwazzjoni finanzjarja.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet dwar il-cold asphalt u l-boroz tat-tarmac. Is-Sindku spjega li meta jkun hemm kwantita' kbira jintuża' il-cold asphalt bit-tunnellati mingħand il-Kuntrattur li ha l-offerta apposta u li dan jinħadem meta jiġi ordnat, izda meta ikun hemm xi hofor partikulari li hemm bzonn urgenti dawn issiru bil-boroz li huma ta' kwantita iżghar pero ta' kwalita ahjar u hafna drabi jintuzaw f'toroq godda. Is-Sindku innota li dawn imbgħad jinxtraw mingħand min ikollu in stock dak il-ħin. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet ukoll rigward li kien hemm talba għal ħlas mingħand danza b'email biss. Is-Segretarja spjegat li din il-persuna kienet diġa mgħarfa tibgħat invoice izda sadanittant kien hemm bzonn li jgħaddi l-kont mill-laqgħa biex jitlestew l-affarijiet neċċessarji għal talba tal-fondi fuq skema tal-Karnival. Is-Segretarja ser tirċievi l-invoice fil-granet li ġejjin.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

## 45.6 Mnarja 2018

Il-Laqgħa tas-Sotto Kumitat Mnarja kienet f'Marzu, sar pjan u issa ser jerġa' jiltaqa' fit-30 t'April.

***Wirja Agrarja:*** Is-Sindku innota li Josef Camilleri offra li jieħu ħsieb id-disinn u Paul Portelli ser jagħmel il-poster. Fil-wirja hemm konfermati li ser jipparteċipaw il-Furnara tan-Nadur, Marianne Buttigieg bil-Bizzilla, Ramla Valley Olive Oil, Mary Portelli. Bhala rigali lil parteċipanti u esibituri ser jingħata prodott lokali mingħand Abraham Supplies. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm artist li ikun live ipitter xena tal-Wirja li imbagħad tibqa għal Kunsill. Sponsors huma Delicata bl-inbid u stands, u Ogygia (discount rigal), u GreenPak. Is-Sindku kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u din l-attivita' suppost ser tkun organizzata flimkien magħhom. Għandna konfermati lil Spiru Sillato, Benny u Tonia, Kavallier Attard, Cangura Folk u Mnarja Folk, u Għannejja Tradizzjonali. Mario Mercieca qed jieħu ħsieb show taż-żwiemel. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Attivita' tat-Tfal:-*** Is-Sindku innota li Annette Portelli Said qed tagħmel programm kollu ta' l-Entertainment mingħajr hlas. Kozmos ikkonferma bħala sponsor għal snack u drink. Għandna quote mingħand Jump Malta ta' madwar 900 ewro. Il-Pony rides ser jiswew 300 ewro. Kien hemm qbil fuq dawn.

***Ikla Tradizzjonali:-*** Hemm konfermati l-Greenfields u Natalie Cassar biex tipprezenta. Ser jiġu ikkonfermati wkoll il-kantanti tan-Nadur. L-Mnarja Folk Group kkonfermaw u ser inħalsulom parti mill-ikla tradizzjonali. L-Karozzini konfermati wkoll u dawn inħalsulom il-vapur biss.

***Tiġrija taż-Żwiemel:-*** Din ser issir lejlet l-Imnarja fis-1.00pm. Qed jieħdu ħsieb Govann Cefai u Mario Mercieca. Din l-attivita' ser tkun bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' 600 ewro għar-rigali u printing tal-fuljett. Kien hemm qbil. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel mozzjoni biex din l-attivita' tkun in memory of Cikku Portelli. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issekondat din il-mozzjoni. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

***Kwotazzjonijiet:-*** Dawn ingħarġu tad-dawl, sound u indafa u ser jgħalqu nhar it-Tlieta. Bord nistgħu nużaw lil dak li kellna qabel. Kien hemm qbil.

***Talbiet għall-Kollaborazzjoni mill-Għaqdiet:-***

- Talba mingħand Soċjeta Filarmonika Mnarja – Kien hemm qbil għal kollaborazzjoni ta' dan il-kunċert bl-ammont ta' 1,500 ewro.
- Talba mingħand Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl. Kien hemm qbil ta' kollaborazzjoni ghal dan l-ispettaklu sabiex inkopru l-ispejjez marbuta mal-PA system ta' din l-attivita' bl-ammont ta' 300 ewro.

## 45.7 Annual Meeting Charter 2018

Il-Sindku innota li inbgħatet ittra fid-djar pero ir-rispons ma kienx li xtaqna għal hosting. Sa issa qegħdin madwar 130, pero jonqosna u għadna nfittxu. Il-Ministru għal Għawdex qed tipprova tgħinna biex insibu hosting ukoll mal-ITS, il-Qala. Is-Sindku ser jiltaqa' mal-leaders tad-diskussjonijiet sabiex jibdew il-preparamenti meħtiega. Is-Sotto Kumitat issa anke qed jiddiskutu l-events waħda waħda u ser jiltaqgħu fil-ġimgħat li ġejjin.  Is-Sindku innota li sa issa sponsors hemm konfermati V18 u issa anke ser niktbu lil MGOZ għax lesti jgħinuna. Ser issir talba għal laqgħa mal-Kumpanija GO plc u kif ukoll mal-BOV. Rigal lid-delegazzjonijiet – tkellimna ma Charlie Camilleri sabiex jiddisinja memento ta' tifkira. Is-Swali li ser jintużaw huma konfermati.

Charter Youth Meeting Zagare – ser imorru Amy Sciberras, Kristen Camilleri, Ritienne Rapa u Nancy Said. Il-Kunsill iħallas biss trasport lejn airport u xi prodotti biex jieħdu magħhom. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku talab lil Viċi Sindku biex jattendi l-laqgħa tas-Sindku tac-Charter ġewwa Vienna peress li hu ma jistax jattendi. Il-Viċi Sindku ser jattendi din il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update ukoll rigward il-hosting u c-Charter.

## 45.8 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Open Market Mother's Day*** – Dan ser isir fis-6 ta' Mejju u diġa ħareġ ir-reklam.

***Ħarġa Anzjani f'Malta*** – Din ser issir nhar it-Tnejn u għandna rispons qawwi mmens għaliha. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ser jattendi. Ġie maqbul li ikun hemm ħarġa ta' l-aħħar qabel is-sajf f'Mejju abbinata mal-Mothers' Day.

***Wine Festival  2018–*** Il-Kunsillier Michael Camilleri u s-Sindku bdew jaħdmu fuq il-programm u anke kien hemm meeting ma' Delicata. Delicata kkonfermaw sponsor ta' 2,500 ewro.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Aerobics Session u Eżercizzji Anzjani*** – Is-Sindku talab lil Annette Portelli Said torganizza session anke biex inkunu qed nużaw il-grawnd u din ser issir għada u tidher li ser tkun suċċess. Hu kompla jgħid li għandna nikkunsidraw dan it-tip ta' sessions għal matul is-sena għax il-pubbliku iridhom. Anke l-Anzjani ħadu gost li organizzajnilom session eżercizzji l-grawnd. Kien hemm qbil fuq dan.

**Ġemellaġġ**:- Bgħatna ir-rapporti lil DLG u għandu ikollna konferma formali wkoll. Aħna ser mmorru bejn 2-5 ta Novembru, u huma ser jiġu bejn 30 Novembru u 3 Diċembru. Ir-reklam għal viżita tagħna lest u ser joħroġ illum stess. Il-Kunsill ikopri l-ispejjeż tal-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku ppropona għajnuna lil Luke Galea. Kien hemm qbil li dan jiġi koprut ukoll. L-attivitajiet ser jiġu diskussi aktar l'quddiem.

***Ambaxxatur Żgħażagħ***:- Is-Sindku talab lil Luke Galea jaħseb ftit fuq persuni validi. Luke qajjem waqt il-laqgħa l-ismijiet ta' żewġ persuni validi biex il-Kunsill jiddeċiedi. Il-Kunsilliera ser jaħsbu fuqhom u jieħdu deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

***Ġieħ in-Nadur***:- Is-Sindku ppropona li għal l-aħħar sena ta' din il-leġislatura, inkunu qed nagħtu dan il-ġieħ għat-tieni darba lil Socjeta mportanti fir-raħal tagħna, li wkoll tidhol kważi f'kull familja fin-Nadur. Hu kompla jgħid li dan biex nuru konsistenza mas-sena li għaddiet u anke nirrikonoxxu l-ħidma ta' Soċjetajiet u mhux individwi biss. Is-Sindku ippropona lil Nadur Youngsters FC (li jinkludu lin-Nursery) biex jieħdu dan il-ġieħ. Kien hemm diskussjoni twila fejn qamu diversi punti, inkluż dwar jekk in-nominazzjonijiet għandhomx ikunu miftuħin għar-residenti. Is-Sindku ppropona li din it-talba sabiex din is-sena Premju Ġieħ in-Nadur jingħata lil Nadur Youngsters FC tiġi milqugħa. Il-Kunsillier Micheal Camilleri issekonda din il-proposta. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u Dr. Josianne Cutajar qablu ukoll ma din il-proposta. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri astjena.

***Soċjeta Filarmonika Mnarja - Baveno***:- Dawn ser jorganizzaw Tour lejn Baveno fuq xewqa tas-Sindku biex nkomplu insaħħu l-ġemellaġġ. Sindku ta Baveno tixtieq tgħinhom u anke Pro Loco. Is-Sindku qed jgħinhom biex jorganizzawh f'Settembru. Is-Sindku ssuġġerixxa li nipprovdu trasport lejn l-ajruport u lura bħala inċentiv. Kien hemm qbil fuq dan.

***Clean Up u Nadur Nadif***:- L-Ambaxxatur għaz-Zghazagħ Luke Galea ta update lil Kunsilliera fuq dan. Fost affarijiet oħra kien hemm suġġerimenti għal bin kbir barra it-Torri ta' Kenuna u tabella biex ma jintremax zibel fil-Wied ta' Bingemma. Il-Kunsilliera Micheal Camilleri għamel suġġeriment biex Bay Radio jagħmel promotion fuq il-clean up.

## 45.9 Proġetti u Xogħolijiet Oħra

***Triq Żrajk –*** Din ħarġet l-offerta u ser tagħlaq fit-30 t'April.

***Triq il-Qortin*** – Sar site visit mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jistenna risposta mill-WSC minħabba servizzi sabiex jibda ix-xogħol.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Triq San Blas (tal-Bajja)–*** Din it-Triq tranġat mill-MGOZ u l-Kunsill ser jigbor terrapien.

***M4.3 Rural Roads*** – Is-Sindku innota li kellna aħbar sabiħa li l-applikazzjoni tagħna ntlaqgħet kollha. Issa ser issir laqgħa dwar dan u anke jiġi iffirmat il-kuntratt. Il-Perit qed jagħmel id-dokumenti għat-tenders ma' William Sultana. Il-Kunsill ser jipprova japplika għal ko-finanzjament mid-DLG.

***M4.4 Rural*** – Is-Sindku innota li sfortunatament hemm kwistjoni dwar it-titlu ta' Għar Mixta u allura għalissa aħjar nħalluwa pending. Sadanittant tajjeb kieku nidentifikaw postijiet għal ħitan tas-sejjieħ sabiex napplikaw mat-tieni call.

***UIF Funds*** – Dawn żdiedu għal 135,000 ewro. Is-Sindku innota li bħalissa qed naħdmu fuq application mal-UIF għal safety mats u outdoor gym equipment, u anke għandna laqgħa mal-MEPA dwar il-ground surface. Rigward solar lights fil-bajja ta' Daħlet Qorrot din hija dark area pero ħa nipprovaw napplikaw u naraw x'jiġri peress li huma solar lights u jagħtu l-isfel biss.

**Xogħol ieħor**:

- **Bankini Diċembru 13** – Joseph Portelli kellu jaqla bankini ta' quddiem fejn qed jibnu u anke quddiem maħzen, u offra li nixtru madum u jagħmluh huma.
- **Ġonna** – saret maintenance sħiha fuq il-playing field tal-Ħali, u anke fuq il-funtana ta' Kenuna. Aktar maintenance ser isir fil-ġranet li ġejjin.
- **Ground** – kien hemm bzonn li titranġa l-fence kaġun tal-maltemp minħabba periklu u għal inqas il-fence ma tqattatx u allura inxtraw biss il-kanen. Leonard Tabone kien lest isellifna l-għodda b'urġenza.
- **Rubbish Bins** – Ġew installati bins ġodda DC Cocco Palmeri, ieħor fil-belveder tad-Duru, u issa ieħor fi Triq it-Tramuntana.

## 45.11 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

Talba biex jitneħħew yellow lines ta' faċċata tal-Kunsill fi Triq it-Tramuntana peress li mhux jintuzaw aktar bi qbil mal-familjari. Kien hemm qbil mill-Kunsill fuq dan.

Talba mingħand il-Familja Axiak ghal yellow lines fi Triq ir-Rabat faċċata ta' garage. Kien hemm qbil.

Talba mingħand il-familja Hili għal-yellow lines 1.5m fi Triq Hida mal-garage. Kien hemm qbil.

Talba mingħand il-familja Buttigieg għal-yellow lines fi Triq Fatima faċċata ta' garage. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal bankina fil-Pjazza San Pietru u SanPawl faċċata tal-HSBC biex issir rampa. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-Sement taħt il-bankina fi Triq it-Tramuntana għax mkissra. Kien hemm qbil fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Talba għal-rampa bis-sement tal-familja Debono fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-Reserved Parking minn Martin Buttigieg fi Triq Grunju. Kien hemm qbil li tintbgħat din it-talba lil TM. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-kurduna għal bankina li ma teiżstix fi Triq Xjuf ir-Rih mingħand il-familja Portelli. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-4 toqob ġodda għal arbli fi Triq il-Knisja. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba biex jinbidel xi madum fil-librerija. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jagħmlu Joe Paul Vella.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-patching fi Triq ix-Xaghri ta' Barbra. Is-Sindku innota li dan qed issir.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bozza l-ġdida fi Triq San Gakbu. Is-Sindku innota li din ser teħel daqt.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet talba għal bozza ġdida fi Triq Xandriku. Ġie maqbul li din titpoġġa fuq il-waiting list tal-bozoz.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward it-tiswija li hemm bzonn issir fi Triq it-Torri ta' Kenuna u jekk qattx sar xi manutenzjoni mill-Kunsill fil-passat jew jekk qattx saret stima tal-hsarat illi hemm. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri qal illi din il-hsara ilha tizviluppa snin twal u s-Sindku Edward Said qal li minkejja li Triq it-Torri ta' Kenuna taqa' taht ir-responsabilita` tal-Kunsill, minhabba n-natura estensiva tat-tiswijiet illi hemm bzonn isiru, din it-tiswija taqa' taht ir-responsabilita` tal-Ministeru.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel talba biex tisewwa l-kurduna ta' bankina miksura fi Triq Plier u issir ħadida. Kien hemm qbil fuq din.

Il-Kunsillier Micheal Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq il-mera li kien hemm fi Triq it-Tramuntana c/w Triq Said biex terga' teħel. Kien hemm qbil fuq din.

## 45.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00 p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Ħamis 18 ta' April fil-5:30p.m.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |